MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-21 ta' Settembru, 2013

Numru. 921/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlos Cordina)**
**(Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**Omissis 1**
**Omissis 2**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:

**Omissis 1**
**U**
**Omissis 2**

1. u nakkuzawhom talli gewwa San Gwann nhar l-20 ta' Settembru 2013 ghal habta ta' 06:45 ta' filghodu, b' atti esterni taw bidu ghall ezekuzzjoni tad-delitt u cioe' serq min go Klabb tal-Football Ta' San Gwann, ta' diversi oggetti, liema reat ma sehhx minhabba xi haga involontarja u indipendenti mill- volonta' taghhom, u li sar ghad-detriment ta' *l-istess socjeta u/jew terzi persuni;*
2. talli fl-istess data hin u lok ikkommettew hsara volontarja fuq propjeta privata (bieb) a detriment ta' Klabb tal-Football Ta' San Gwann u persuni ohra, liema hsara teccedi s- somma ta' 116.47c Euro u dan ai termini tal-artikolu 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal- Ligi ta' Malta;
3. u aktar talli fl-istess data, lok u hin harbu mill-kustodja tal-Pulizija u dan bi ksur ta'l-artikolu 151 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil Omissis 1 akkuzat wahdu;

4. talli fi xhur ta' qabel ghal habta nofs il-lejl, seraq min go Pieta' stereo ta' ghamla Pioneer ta lewn abjad, valur mhux maghruf u ghad-detriment ta' persuna/i mhux maghrufa;
5. kif ukoll talli fi xahar ta' Mejju 2013, seraq minn go hanut mhux maghruf, nuccali ta xemx u msielet, valur mhux maghruf u ghad-detriment ta' persuna/i mhux maghrufa;
6. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, laqa' ghandu, jew xtrara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indahal biex jbieghhom jew jmexxihom;

Akkuzat ukoll talli huwa kiser Conditional Discharge ghal perijodu ta' sena mghotija min dina Onorabbli Qorti hekk preseduta mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke LLD fl-10 ta' Ottubru 2012.

Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv b`diversi sentenzi tal-Qorti li issa saru definittivi u ma jistawx jinbiddlu artikoli 49, 50 tal-Kapitolu 9.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat Omissis 1 ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu hlif ghat-tielet u s-sitt wahda, u li l-imputat Omissis 2 ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu hlif ghat-tielet wahda.

Rat li l-prosekuzzjoni rtirat t-tielet imputazzjoni (li kienet migjuba kontra z-zewg imputati) u ddikjarat li s-sitt imputazzjoni (migjuba kontra l-imputat Omissis 1 biss) hija alternattiva ghal dawk dwar serq.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat Omissis 1 ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu hlif ghat-tielet u s-sitt wahda, u li l-imputat Omissis 2 ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu hlif ghat-tielet wahda; dwan l-imputrazzjonijiet ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi l-prosekuzzjoni rtirat t-tielet imputazzjoni (li kienet migjuba kontra z-zewg imputati) u ddikjarat li s-sitt imputazzjoni (migjuba kontra l-imputat Omissis 1 biss) hija alternattiva ghal dawk dwar serq; il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom kull wiehed mill-imputati qed jinstab hati, l-koperazzjoni taghhom mal-pulizija u l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri kif ukoll il-fedina penali ta’ kull wiehed mill-imputati u l-eta taghhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti,

Fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet u s-sitt imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Omissis 1**,

wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 49, 50, 261(b), 284 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-istess imputat **Omissis 1** hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodi ta' tlett snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 qed testendi l-perjodu ta' liberta kundizzjonata imposta permezz tas-sentenza mghotija f'l-10 ta' Ottubru 2012 b'sena ohra.

Fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Omissis 2**, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b) u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-istess imputat **Omissis 2** hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodi ta' sentejn bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommettu reat iehor fiz-zmien fuq indikat u jekk ma joqghodux ghall-ordnijiet lilhom mghotija.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-ufficcju tal-probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------